(b) il-konsegwenzi legali tal-ksur mill-amministrazzjoni tal-prinċipju tad-dritt Ewropew dwar l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża għandhom jiġu ddeterminati mid-dritt nazzjonali?

(3) Jekk ir-risposta għat-tieni domanda (b) hija fin-negattiv, liema huma ċ-ċirkustanzi li l-qorti nazzjonali, fir-rigward tad-determinazzjoni tal-konsegwenzi legali, tista' tieħu inkunsiderazzjoni, u din tal-aħħar tista' b'mod partikolari tieħu inkunsiderazzjoni l-kwistjoni jekk huwiex permess li jitqies li l-proċedura, mingħajr il-ksur mill-amministrazzjoni tal-prinċipju tad-dritt Ewropew dwar l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża, kien ikollha riżultat differenti?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-18 ta' Marzu 2013 — Datema Hellman Worldwide Logistics BV vs Staatssecretaris van Financiën

**(Kawża C-130/13)**

(2013/C 171/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Datema Hellman Worldwide Logistics BV

*Konvenut:* Staatssecretaris van Financiën

### Domandi preliminari

(1) Il-prinċipju ta' dritt Ewropew dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża min-naħa tal-amministrazzjoni jista' jiġi applikat b'mod dirett mill-qorti nazzjonali?

(2) Jekk ir-risposta għall-domanda 1 hija fl-affermattiv:

(a) il-prinċipju ta' dritt Ewropew dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża min-naħa tal-ammistrazzjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li l-imsemmi prinċipju jinkiser meta d-destinatarju ta' deċiżjoni proposta, li minkejja ma nstemax qabel l-amministrazzjoni tadotta miżura li tikkawżalu preġudizzju, iżda hija ttih madankollu l-possibbiltà, f'fażi amministrattiva sussegwenti (ta' lment), li tippreċedi l-proċedura ġudizzjarja quddiem il-qorti nazzjonali, li jkun jista' jinstema'?

(b) il-konsegwenzi ġuridiċi tal-ksur min-naħa tal-amministrazzjoni tal-prinċipju ta' dritt Ewropew dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiżi għandhom jiġu ddeterminati mid-dritt nazzjonali?

(3) Jekk ir-risposta għad-domanda 2(b) hija negattiva, liema huwa ċ-ċirkustanzi li l-qorti nazzjonali tista' tieħu inkunsiderazzjoni, sabiex tiddetermina l-konsegwenzi ġuridiċi, u, b'mod partikolari, hija tista' tieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-proċedura, mingħajr il-ksur mill-amministrazzjoni tal-prinċipu ta' dritt Ewropew dwar ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża, kien ikollha eżitu ieħor?

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-18 ta' Marzu 2013 — Staatssecretaris van Financiën vs V.o.f. Schoenimport "Italmoda" Mariano Previti

**(Kawża C-131/13)**

(2013/C 171/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Staatssecretaris van Financiën

*Konvenuta:* V.o.f. Schoenimport "Italmoda" Mariano Previti

### Domandi preliminari

(1) Skont id-dritt tal-Unjoni, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom jirrifjutaw li japplikaw l-eżenzjoni mill-VAT fil-każ ta' kunsinna intra-Komunitarja, id-dritt għat-tnaqqis tal-VAT fil-każ ta' akkwist ta' oġġetti mibgħuta, wara dan l-akkwist, lejn Stat Membru ieħor, jew ir-rimbors tal-VAT skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 28b(A)(2) tas-Sitt Direttiva ([1]), meta, abbażi ta' data oġġettiva, ikun ġie stabbilit li kien hemm evażjoni tal-VAT fir-rigward ta' dawn l-oġġetti u l-persuna taxxabbli kienet taf jew imissha kienet taf li kienet ipparteċipat fiha, fil-każ li d-dritt nazzjonali ma jipprovdix, f'ċirkustanzi bħal dawn, għall-possibbiltà li jiġu rrifjutati l-eżenzjoni, it-tnaqqis jew ir-rimbors?

(2) Fil-każ li tingħata risposta affermattiva għall-ewwel domanda, l-eżenzjoni, it-tnaqqis jew ir-rimbors imsemmija iktar 'il fuq għandhom ukoll jiġu rrifjutati meta l-evażjoni tal-VAT saret fi Stat Membru differenti (mill-Istat Membru ta' spedizzjoni tal-oġġetti) u l-persuna taxxabbli kienet taf bl-evażjoni, jew imissha kienet taf biha, filwaqt li, fl-Istat Membru ta' spedizzjoni, din il-persuna taxxabbli osservat il-kundizzjonijiet kollha (formali) imposti mid-dispożizzjonijiet legali nazzjonali sabiex tkun tista' tinvoka l-eżenzjoni, it-tnaqqis jew ir-rimbors u hija dejjem ipprovdiet, f'dan l-Istat Membru, id-data kollha neċessarja dwar l-oġġetti, l-ispedizzjoni u x-xerrejja stabbiliti fl-Istat Membru ta' destinazzjoni?

(3) Fil-każ li tingħata risposta negattiva għall-ewwel domanda, kif għandu jinftiehem, fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 28b(A)(2) tas-Sitt Direttiva, it-terminu "suġġetta" [għat-taxxa]: il-fatt li tiġi ddikjarata, permezz ta' dokumenti ta' sostenn, fid-dikjarazzjoni tal-VAT legalment stabbilita, il-VAT dovuta fir-rigward tal-akkwist intra-Komunitarju fl-Istat Membru ta' destinazzjoni, jew, fl-assenza ta' tali dikjarazzjoni, il-fatt, għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istat Membru ta' destinazzjoni, li jittieħdu l-miżuri neċessarji sabiex din l-assenza ta' dikjarazzjoni tiġi rregolarizzata? Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, huwa rilevanti l-fatt li t-tranżazzjoni inkwistjoni tagħmel parti minn katina ta' tranżazzjonijiet intiżi sabiex ikun hemm evażjoni tal-VAT fil-pajjiż ta' destinazzjoni u li l-persuna taxxabbli kienet taf biha jew imissha kienet taf biha?

---

([1]) Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-Raad van State (il-Pajjiżi l-Baxxi) fit-18 ta' Marzu 2013 — Staatssecretaris van Economische Zaken, Staatssecretaris van Financië vs Q**

**(Kawża C-133/13)**

(2013/C 171/25)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Raad van State

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Staatssecretaris van Economische Zaken

Staatssecretaris van Financiën

*Konvenut:* Q

**Domandi preliminari**

(1) L-importanza tal-preżervazzjoni ta' siti naturali nazzonali u tal-patrimonju kulturali u storiku, fis-sens tan-Natuurschoonwet 1928, tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tiġġustifika leġiżlazzjoni li permezz tagħha l-applikazzjoni ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq id-donazzjonijiet (vantaġġ fiskali) hija rriżervata għad-dominji rurali li jinsabu fil-Pajjiżi l-Baxxi?

(2) (a) Fil-kuntest ta' investigazzjoni intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk proprjetà immobbli li jinsab fi Stat Membru ieħor jistax jiġi kklassifikat bħala dominju rurali fis-sens tan-Natuurschoonwet 1928, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jistgħu, sabiex jiksbu l-assistenza tal-awtoritajiet tal-Istat Membru fejn tinsab il-proprjetà immobbli, jinvokaw id-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE ([1]), tas-16 ta' Marzu 2010, dwar l-assistenza reċiproka għall-irkupru ta' talbiet relatati ma' taxxi, dazji u miżuri oħra, meta l-klassifikazzjoni bħala dominju rurali abbażi tal-liġi ċċitata iktar 'il fuq għandha l-effett li tagħti lok għal dritt għal eżenzjoni mill-ġbir tat-taxxa fuq id-donazzjonijiet dovuta fid-data tad-donazzjoni tal-proprjetà immobbli inkwistjoni?

(b) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-mistoqsija 2.a), il-kunċett ta' "indaġni amministrattiva" li jinsab fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE ([2]), tal-15 ta' Frar 2011, dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-direttiva 77/799/KEE għandu jiġi interpretat bħala jista' jinkorpora investigazzjoni fuq il-post?

(ċ) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-mistoqsija 2.b), il-kunċett ta' "indaġni amminstrattiva" li jinsab fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2010/24/UE […], jista' jiġi ppreċiżat fuq il-bażi tad-definizzjoni tal-kunċett ta' "indaġni amminstrattiva" li jinsab fl-Artikolu 3(7) tad-Direttiva 2011/16/UE […]?

(3) Jekk hemm lok li tingħata risposta fin-negattiv għad-domanda 2.a), għad-domanda 2.b) jew għad-domanda 2.ċ), il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, meħud flimkien mal-Artikolu 167(2) TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li jimplika li, meta Stat Membru jitlob l-assistenza lil Stat Membru ieħor fil-kuntest ta' investigazzjoni intiża sabiex jiġi ddeterminat jekk proprjetà immobbli li jinsab f'dan l-Istat Membru l-ieħor jistax jiġi kklassifikat bħala dominju rurali fis-sens ta' liġi li għandha bħala għan il-preservazzjoni u l-protezzjoni tas-siti naturali nazzjonali u tal-patrimonju storiku u kulturali ta' pajjiż, l-Istat Membru rikjest għandu l-obbligu li jipprovdi din l-assistenza?

(4) Restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital tista tiġi ġġustifikata min-neċessità li tiġi ggarantita l-effiċjenza tal-kontrolli fiskali jekk din l-effiċjenza tidher li tista tkun kompromessa biss mill-fatt li l-awtoritajiet nazzjonali huma obbligati li jmorru, matul il-perijodu ta' 25 sena msemmija mill-Artikolu 7(1) tan-Natuurschoonwet 1928, fi Stat Membru ieħor sabiex iwettqu l-kontrolli neċessarji?

---

([1]) ĠU L 84, p. 1.
([2]) ĠU L 64, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fit-18 ta' Marzu 2013 — Szatmári Malom vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal Központi Szerve**

**(Kawża C-135/13)**

(2013/C 171/26)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Kúria